**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 16 ta' April, 2020**

**<u>Rikors nru: 254/2019 AGV;</u>**

**AB (ID nru: 274481M)**
**Vs**
**CD, Direttur tar-Registru Pubbliku U Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lil minuri EB, AB giet mahtura bhala kuratrici ad litem ghall-minuri EB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta’ AB** datat 15 ta’ Novembru 2019 fejn esponiet bir-rispett:-

1. Illi r-rikorrenti AB fit- 13 ta’ Dicembru 2013 welldet lill-minuri EB , kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok A, liema minuri hija indikat bhala missier mhux maghruf.

2. Illi r-rikorrenti kellha relazzjoni intima mal-intimat CD , liema relazzjoni illum mitmuma.

3. Illi jirrizulta li l-missier naturali u bijologiku tal-minuri huwa l-intimat CD.

4. Illi r-rikorrenti ghandha interess li tigi stabbilita u ddikjarata l-paternita’ reali u fattwali tal-minuri B u cioe’ li l-wild isemmi tigi ddikjarata li hija l-wild naturali u bijologiku tal-intimat, CD.

5. Illi jehtieg li tigi accettata l-paternita’ tal-minuri B u li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri hawn anness bhala Dok. A;

6. Illi ghalkemm ir-rikorrenti interpellat lill-intimat permezz ta’ ittra ufficjali numerata 106/ 2019 hawn annessa u mmarkata bhala Dok B l-intimat CD baqa’ inadempjenti.
7. Illi ghalhekk kellu jigi intavolat dan ir-rikors guramentat.

8. Illi r-rikorrenti taf bil-fatti hawn esposti personalment.

Ghaldaqstant r-rikorrenti qieghda ghal ragunijiet hawn esposti, titlob umilment lil dina Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni u opportuna illi;

a. Tiddikjara u tiddeciedi okkorrendo bin-nomina ta' esperti, illi l-imsemmija minuri B hija l-wild naturali u biologiku tal-intimat CD.

b. Tordna ghalhekk id-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid, tal-imsemmija minuri B b' dak it-taghrif ordnat minn l-istess Qorti.

c. Taghti kull provvediment iehor xieraq u opportun sabiex id-debita korrezzjoni tghaddi fis-sehh.

Bl-ispejjez kontra l-intimat jew min minnhom illi huma minn issa ngunti in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku** datata 7 ta' Jannar 2020 fejn espona bir-rispett u ddikjara dawn il-fatti li gejjin:-

1. Illi preliminarjament, l-esponenti jeccepixxi illi l-attrici trid iggib prova illi l-intimat CD, gie debitament notifikat bl-ittra ufficjali li ghandha in-numru 106/ 2019.
2. Illi bla hsara ghal premess u fil-mertu l-esponenti jistqarr li mhux edott mill-fatti li gew dikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponenti jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji u umilment jitlob lil din Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-artikolu 100 A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jigi vverifikat jekk il-konvenut verament hux il-missier naturali tal-minuri EB

4. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqghu l-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jistieden lil CD, sabiex jipprezenta nota bid-dettalji personali tieghu kollha, li jispecifika senjatament, 1. In-numru tal-karta tal-identitita' tieghu 2. Ismu u kunjomu, 3. l-eta' tieghu meta twieldet il-minuri, 4. il-post tat-twelid, il-post tar-residenza tieghu meta twieldet il-minuri, isem u kunjom missieru, u jekk l-imsemmi missier patern kienx haj meta twieldet il-minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex tigi eventwalment inserita fl-atti tat-twelid, tal-minuri li jgib in-numru 33 tas-sena 2004;

5. Illi bla hsara ghas-suespost l-esponenti jirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri, EB a tenur tal-artikolu 92 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhux attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir min-naha tad-dipartiment, u kwindi ma ghandix tigi assoggettata ghal ispejjez tal-kawza istanti.

7. Salv eccezzjoniijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti minn issa ingunta in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata ta' CD, datata 8 ta' Jannar 2020 fejn espona bir-rispett:-**

1. Illi fl-ewwel lok hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li jinsab anness mar-rikors guramentat prezentat minn AB, il-minuri jisimha E u mhux F, kif indikat erronjament fir-rikors guramentat.

2. Illi fil-mertu l-esponenti, joqghod fuq dak li eventwalment jirrizulta minn ezamijiet biologici, li jistghu jigu mwettqa mill-esperti opportuni.

3. Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dina l-procedura.

**FATTI**

**1.** Christopher Farrugia gie appuntat mill-partijiet sabiex izomm it-testijiet tad-DNA, fejn, wara li ha l-kampjuni tal-partijiet, flimkien ma' tal-minuri Jillianne Gatt, irrizulta u dawn gew mghoddija lil Dr. Marisa Cassar biex taghmel analizi u t-tqabbil ta' profili genetici. Mir-rizultati seta' gie konkluz li l-konvenut CD huwa l-missier naturali u biologiku ta' EB.[1]

2. EB ipprezentat affidavit fejn talbet li tibda tuza' l-kunjom "DB."

3. Il-konvenut CD ikkonferma li d-dettalji personali tieghu li jehtieg li jitnizzlu fic-certifikat tat-twelid huma s-segwenti:-

i) Iben G u H nee' D;
ii) Imwieled il-Pieta';
iii) Residenti l-Cospicua u meta twieldet il-minuri kien joqghod fil-fond 30, Blokk 7, Wigi Rosato Str, Cospicua;
iv) Karta ta' identita' 192277 (M);
v) Missieru kien mejjet meta twieldet il-minuri;
vi) Meta twieldet il-minuri kellu 26 sena.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

[1] Ara rapport mahrug minn Dr.Marisa Cassar fis-27 ta' Jannar, 2020.

**Eccezzjoni tal-ittra ufficjali**

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku laqa' ghat-talbiet attrici billi qajjem l-eccezzjoni preliminari li l-attrici ghandha ggib prova li kienet notifikat lill-konvenut CD bl-ittra ufficjali.

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien gie notifikat b'din l-ittra ufficjali fis-6 ta' Awissu, 2019 u ghaldaqstant, dina l-eccezzjoni hija ssorvolata.

**Mertu**

Mill-kampjuni li ttiehdu minn Christopher Farrugia u t-testijiet genetici li zammet Dr.M arisa Cassar jirrizulta li l-probabilita' hija li l-konvenut huwa l-missier naturali u biologiku ta' E.

Il-konvenut minn jeddu stess ma kkontestax din l-affermazzjoni, anzi kienu l-partijiet li flimkien kienu nkarigaw lil Farrugia sabiex jehodilhom l-kampjuni, liema rapport mbaghad lanqas ma gie kkontestat.

It-tifla E talbet li taghmel uzu mill-kunjom "DB."

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tiddikjara li EB hija l-wild naturali u biologika tal-konvenut CD;

2. Tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri skond id-dettalji li nghataw mill-konvenut aktar 'il fuq;

3. Tordna li l-minuri EB tibda tuza' l-kunjom "DB."

L-ispejjes ghandhom jinqassmu bejn l-attrici u l-konvenut CD.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**